# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum, 16 ta' Novembru 2020.**

**Digriet Kamerali**

**Rikors Revoka Numru. 139/19 RGM**

**Rikors ippreżentat mis-sekwestrata Maryann Buhagiar għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1831/18 mahrug nhar it-12 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet:**

**Stefan Farrugia**

**VS**

**Maryann Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Maryann Buhagiar li permezz tiegħu u għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-Qorti tirrevoka l-mandat kawtelatorju fuq imsemmi bis-saħħa tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta tas-sekestrant Stefan Farrugia li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponi għar-rikors revoka.

Rat l-atti;

Rat illi b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2020, stante li parti mill-ammont li qed jigi sekwestrat huwa dovut lis-sekwestrata bhala manteniment għal tnejn minn uliedha minuri;

Rat illi b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2020 din l-Qorti ordnat illi s-sekwestrata tizbanka minn zewg ċedoli ta' depozitu effettwati mill-Bank of Valletta plc is-somma ta' €3,143.51 akkont ta' arretrati ta' manteniment taż-żewg minuri oltre li awtorizzat l-iżbank ta' somma ulterjuri rappreżentanti arretrati ta' manteniment mill-kont bankarju tas-sekwestrata oltre li ordnat il-ħrug ta' kontro mandat parzjali fis-sens illi awtorizzat lis-sekwestrata tizbanka mill-

kont bankarju tagħha mal-Bank of Valletta plc is-somma ta' €330.00 fix-xahar rapprezentanti manteniment li qed jigi depożitat mensilment fil-kont bankarju tas-sekwestrata minn min iħaddem lis-sekwestrant meħud mis-salarju mensili tas-sekwestrant.

Ikkonsidrat;

**Fatti Anteċedenti l-Mandat Impunjat.**

Il-partijiet izzewġu fit-18 ta' Mejju 2001 u flimkien kellhom tlett itfal Sussegwentement isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat min-Nutar Dr J Smith La Rosa fis-16 ta' April 2010.

Fis-sena 2017 is-sekwestrant intavola kawża kontra s-sekwestrata quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn qed jitlob li jigi dikjarat li ma hux il-missier ta' wiehed mill-minuri. Dik il-kawża għadha pendenti. Minn test tad-DNA kondott fid-9 ta' Jannar 2018 irrizulta li effettivament wiehed minn uliedu ma hux jew ma hiex il-wild naturali tieghu u kien ghalhekk illi fid-19 ta' Ottubru 2018 is-sekwestrant intavola kawża kontra s-sekwestrata fejn qed jitlob ir-rifużżjoni tal-manteniment li huwa ħallas lis-sekwestrata fir-rigward ta' dak il-wild li mir-rapport tad-DNA ġie ċertifikat li l-wild in kwistjoni ma hux wild naturali tas-sekwestrant.

Fit-12 ta' Novembru 2018 is-sekwestrant talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju għas-somma ta' €50,000 b'kawtela tal-pretensjoni tiegħu dedotta fil-kawża imsemmija.

Permezz tar-rikors in diżamina r-rikorrenti sekwestrata qed titlob ir-revoka tal-mandat kawtelatorju de quo fuq il-pretest illi l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju huwa intempestiv tenut kont li l-kawża ta' denegata paternita' għadha mhiex deċiża. L-intimat sekwestrant jilqa' għal dan ir-rikors billi jsostni illi ċ-ċertifikat tad-DNA diġa juri li l-wild mhux tiegħu u li għalhekk

huwa għandu dritt jikkawtela l-pretensjoni tiegħu għar-rifużżjoni tal-manteniment pendenti l-eżitu tal-kawża ta' denegata paternita'.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Dwar il-mandati kawtelatorji intqal illi "Ma ghandux jinhareg biex igib l-allegat debitur gharkubbtejh bid-dovut rigward ghad-drittijiet tal-allegat kreditur illi jekk ikolli ndizju car li l-kreditu tieghu jista' jigi eluz (kif kien jinghad fir-rikorsi ghall-hrug taghhom antikament, u cioe qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob mizuri mahsuba mill-istess ligi biex jopprotegi d-drittijiet tieghu." (**General Company Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta** deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2010.)

Huwa paċifiku li fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-istħarriġ li hija obbligata tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima facie* filwaqt li l-mertu jiġi analizzat u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment mogħti mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** fl-10 ta' Mejju 2001: "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." ( ara wkoll **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) deċiża fil-25 t'Awwissu 2014.)

Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti

mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċioe` li r-rikorrenti sekwestrata għandha bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. (**Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** - Prim' Awla - 5 ta' Ġunju 2007).

Ir-rikorrent qed issejjes it-talbiet tagħha fuq l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi kif gej:

836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet latt kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li latt kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- omissis -

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew

- omissis -

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. (2) Il-persuna li tagħmel.

Ikkunsidrat;

**(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;**

Minn ezami tal-pretensjoni tas-sekwestrant ma jirrizultawx l-estremi li jistghu b'xi mod iwasslu lill-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ammont pretiz ma hux prima facie gustifikat jew li huwa eccessiv. Dan qed jinghad naturalment minghajr ma l-Qorti bl-ebda mod ma qed taghti gudizzju jekk tali pretensjoni hiex fondata jew le. Ghalhekk taht din il-kappa t-talba tar-rikorrenti ma hiex fondata u qed tigi respinta.

**(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.**

Kif rajna l-intimat sekwestrant qed jippretendi li r-rikorrenti sekwestrata tirrifondilu l-flus kollha li ħareġ dwar wild li skond rapport ta' DNA ma hiex tiegħu dwar liema hemm kawża pendenti ta' denegata paternita' quddiem il-Qorti tal-Familja.

L-unika raġuni mressqa mir-rikorrenti sekwestranti in sostenn tat-talba tagħha sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi revokat hi illi l-kawża ta' denegata paternita' għadha pendenti u li għalhekk għad ma hemmx pronunzjament ġudizzjarju fir-rigward

Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li ġia ġie rilaxxjat rapport ta' DNA li jissostanzja l-pretensjoin tas-sekwestrant jagħti lill-intimat id-dritt li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu għar-rifużżjoni tal-ammonti minnu maħruġa matul is-snin bħala manteniment għal minuri li issa irriżulta li mhux tiegħu. Il-Qorti temfasizza li b'daqshekk ma hi qed tagħmel l-ebda pronunzjament dwar il-

fondatezza o meno tat-talbiet tal-missier li jottjeni rifużżjoni ta' dak minnu mitlub; qed jiġi deċiż biss f'dan l-istadju jekk għandux dritt li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu u konsegwentement jekk il-mandat de quo għandux jitħala fis-seħħ.

Irriżulta pero' fil-kors ta' dawn il-proċeduri illi l-mandat ta' sekwestru de quo kien qed iċaħħad lis-sekwestrata milli tirtira mill-kont bankarju tagħha il-manteniment dovut dwar it-tlett ulied minuri liema manteniment jiġi depozitat mill-employer tal-missier direttament fil-kont bankarju tal-omm u konsegwentement tali depożitu mensili kien qed jiġi ffriżat fil-kont b'effett tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proċeduri.

Minħabba l-urġenza tal-materja l-Qorti għaddiet sabiex fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2020 ippronunzat digriet li permezz tiegħu ordnat inter alia illi l-mandat ta' sekwestru de quo ma jkollux effett fuq is-somma ta' €330.00 fix-xahar rappreżentanti l-manteniment ta' tnejn mit-tlett ulied minuri li dwarhom ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-paternita' tagħhom.

Il-Qorti għalhekk, filwaqt li qed tikkonferma dak hemm dekretat, tqis illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex tirrevoka in toto l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi kif ġej:-

1. Tikkonferma d-digriet tagħha tal-15 ta' Ottubru 2020 billi tilqa' parzjalment ir-rikors u tordna l-ħruġ ta' kontro mandat limitatament għas-somma ta' €330 fix-xahar b'dan illi tawtorizża lir-rikorrenti tiżbanka mill-kont bankarju tagħha mal-Bank of Valletta plc darba fid-xahar is-somma ta' €330 rappreżentanti l-manteniment dovut għaż-żewġ ulied minuri.

2. Tordna l-ħruġ tal-kontro mandat parzjali kif hawn deċiż.

2. Tiċħad ir-rikors fil-kumplament.

Spejjeż riżervati għas-sentenza fil-kawża dwar il-mertu.

**Mogħti kameralment illum 16 ta' Novembru 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**